**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**27 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Numru 27/2022**

**John Galea u Robert Galea**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **John Galea u Robert Galea** ippreżentat fid-29 ta' Marzu, 2022, li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:-

1. *Illi wara talba magħmula mir-rikorrenti stess lill-Awtorità intimata permezz tal-formola appożita, fl-14 ta' Jannar 2022 l-Awtorità tal-Artijiet nediet sejħa għall-offerti ssiġġillati sal-10am ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Frar, 2022, għall-kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit tale quale f'Ta' Danza, fiż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.JO_51_2008_A.*

2. *Illi fl-istess sejħa, ġie ddikjarat li "L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta...", kif ukoll illi "Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta".*

3. *Illi r-rikorrenti għamlu l-offerta tagħhom, u fid-dokument tal-offerta, huma ddikjaraw li għandhom jedd tal-ewwel rifjut skont l-artikolu 32 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, kif ukoll issottomettew it-tagħrif u d-dokumenti kollha neċessarji in sostenn tal-offerta tagħhom kif ukoll tal-pretensjoni tagħhom għal dritt tal-ewwel rifjut.*

4. *Illi f'din is-sejħa tressqu żewġ offerti biss, u ċjoè dik tar-rikorrenti u ta' terz, u l-offerta ta' terz kellha offerta ta' kera annwali superjuri għal dik tar-rikorrenti, iżda r-rikorrenti kienu lesti li joffru dak l-ammont superjuri bis-saħħa tal-jedd tal-ewwel rifjut vestit fihom.*

5. *Illi madanakollu l-Awtorità tal-Artijiet , b'deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2022, infurmat lir-rikorrenti li l-offerta tagħhom ma kienetx qed tiġi aċċettata minħabba li "it-tieni offerenti John Galea u Robert Galea m'għandhom l-ebda titolu skont il-liġi bis-saħħa ta' konvenju li għadu pendenti, kif ukoll illi wieħed mill-imsemmija aħwa Galea mhux eliġibbli la darba mhux reġistrat bħala part-time farmer, u għalhekk qed jiġi deċiż li mhux il-każ li jiġi aċċettat id-dritt tal-ewwel rifjut, iżda għandha ssir l-aġġudikazzjoni a favur ta' l-ewwel offerent...". B'ittra oħra bl-istess data, l-Awtorità intimata rritornat il-bidbond tar-rikorrenti lura lill-bank li ħariġha.*

6. *Illi r-rikorrenti jħossu ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, u għalhekk qed jintavolaw l-odjern rikors.*

7. *Illi l-ilmenti tar-rikorrenti jirrigwardaw kemm dik il-parti tad-deċiżjoni mpunjata li qieset ineliġibbli lil wieħed mir-rikorrenti, u kemm dik il-parti tad-deċiżjoni mpunjata li sabet li r-rikorrenti ma kellhomx dritt tal-ewwel rifjut.*

8. *Illi dwar l-ineliġibbilità ta' wieħed minnhom, fl-<u>ewwel lok</u> ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija ħażina, għaliex qabel xejn timponi l-ħtieġa tar-reġistrazzjoni fuq iż-żewġ rikorrenti, meta kellu jitqies li huwa biżżejjed li wieħed mir-rikorrenti jissodisfa dan ir-rekwiżit. Jiġi rilevat li f'sejħa bħal dik meritu ta' dan ir-rikors, il-ħtieġa li offerent juru li huwa reġistrat – fulltime jew part-time – bħala bidwi mad-Dipartiment tal-Agrikoltura ġejja mill-fatt li l-kirja li dwarha qed issir is-sejħa hija waħda agrikola. Dan però ma jfissirx li wieħed mill-offerenti li jkun jissodisfa ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni agrarja ma jistax jinvolvi fis-sejħa persuna oħra, li anke jekk ma tkunx bidwi reġistrat, tista' tassistih fil-koltivazzjoni agrikola. L-offerta tar-rikorrenti setgħet saret fuq dak ir-rikorrent li huwa debitament reġistrat, u kienet tkun eliġibbli, u allura ma tistax titqies li mhux eliġibbli sempliċiment għaliex żdied offerent ieħor.*

9. *Barra minn hekk, u <u>fit-tieni lok</u>, entrambi r-rikorrenti huma reġistrati mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, b'dan illi r-rikorrenti Robert Galea huwa reġistrat fuq il-farmer registration code tar-rikorrent John Galea, billi jassistih fl-attività agrikola tiegħu. Kemm hu veru, ir-rikorrenti huma entrambi reġistrati bħala part time farmers mal-Aġenzija Jobsplus.*

10. *Illi dwar il-jedd tal-ewwel rifjut, id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija wkoll żbaljata u kwindi jistħoqqilha li tiġi revokata. Dan għaliex ir-rikorrenti, fi żmien is-sejħa, kellhom konvenju biex jakkwistaw b'titolu ta' xiri l-proprjetà immedjatament adjaċenti għal dik meritu tas-sejħa, liema akkwist ġie konsumat u kompletat b'kuntratt tat-28 ta' Frar 2022, fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja, u kwindi qabel id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li qed tiġi mpunjata bħalissa. Huwa opportun li jiżdied jingħad li l-Awtorità intimata kien mgħarrfa bl-akkwist*

*magħmul mir-rikorrenti, iżda ħadet id-deċiżjoni tagħha bħallikieku dak l-akkwist ma kienx sar.*

11. *Illi anke jekk wieħed iqis li, fi żmien l-għeluq tas-sejħa, ir-rikorrenti kienu għadhom ma kisbux din il-proprjetà mmedjatament adjaċenti għal dik meritu tas-sejħa, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti kellhom fil-pussess tagħhom din l-art, bil-kunsens u bl-approvazzjoni tal-vendituri, li llum huma l-awturi fit-titolu tagħhom, u dan kif kien ġie debitament sottomess lill-Awtorità intimata.*

12. *Illi bla ħsara għall-premess, u f'kull każ, ir-rikorrenti kienu wkoll indikaw lill-Awtorità tal-Artijiet li huma kellhom proprjetà oħra ftit biss distanza bogħod mill-għalqa mertu tas-sejħa, u li kwindi kienet skont l-artikolu 32 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, kif interpretat u mfisser anke skont il-politika tal-Awtorità intimata, tagħti jedd lir-rikorrenti għall-ewwel rifjut, iżda l-Awtorità intimata fid-deċiżjoni tagħha naqset għal kollox milli tieħu konjizzjoni ta' din il-bażi tal-pretensjoni tar-rikorrenti.*

13. *Illi dan kollu jrendi d-deċiżjoni mpunjata bħala waħda invalida u mhux skont il-liġi, u għalhekk qed isir dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan ir-rispettabbili Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Artijiet u komunikata lir-rikorrenti bl-ittra tal-11 ta' Marzu 2022, u jordna lill-Awtorità intimata tirreintegra lir-rikorrenti fil-jeddijiet kollha tagħhom dwar is-sejħa għall-offerti skont Avviż Numru 1 tal-14 ta' Jannar 2022, u dan previa dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti l-oħrajn kollha li jkunu jidhrulu xierqa u opportuni.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fl-4 ta' April, 2022, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' John Galea u Robert Galea;*
2. *Illi l-appellant qed jappella minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet datata ħdax (11) ta' Marzu, elfejn tnejn u għoxrin (2022), li permezz tagħha ġiet irrifjutata mill-istess Awtorità l-offerta tal-appellanti għall-kiri minn sena għal sena għal skop ta' agrikoltura ta' sit tale quale f' Ta Danzi, iż-Żurrieq, skont Avviż Nru 1 tal-erbatax (14) ta' Jannar, elfejn tnejn u għoxrin (2022);*
3. *Illi r-raġuni għal tali rifjut kienet:-*

*'it-tieni offerenti John Galea u Robert Galea, m'għandhom l-ebda titolu skond il-liġi bis-saħħa ta'konvenju li għadu pendenti, kif ukoll illi wieħed mill-imsemmija aħwa Galea, mhux reġistrat bħala part-time farmer, u għalhekk qed jiġi deċiż li mhux il-każ li jiġi aċċettat id-dritt tal-ewwel rifjut, iżda għandha ssir l-aġġudikazzjoni a favur tal-ewwel offerent'*

4. *Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola dan l-appell;*
5. *Illi l-Awtorità tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*

***Elenku ta' Punti fuq l-Aggravji tal-Appell***

*I.* *Illi fl-ewwel lok, l-offerta intefgħet minn offerent fl-isem ta' 'John Galea' u 'Robert Galea' u għalhekk it-tnejn li huma bħala offerent wieħed, kellhom jippossjedu ċ-ċertifikazzjoni tal-A.R.P.A. sabiex ikunu eliġibbli skont ir-rekwiżiti ppubblikati mal-offerta mertu tal-appell odjern;*

*II.* *Illi fil-fatt, irriżulta li ċ-ċertifikazzjoni tal-ARPA sureferita kienet tappartjeni għall-parti waħda mill-offerenti u ċioe' lil John Galea;*

*III.* *Illi għalhekk, il-Bord tal-Gvernaturi ddeċieda li dan ir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni ma ġiex sodisfatt;*

*IV.* *Illi inoltre, l-appellanti ma ġewx ikkunsidrati għad-dritt tal-ewwel rifjut stante li d-dokumentazzjoni annessa mal-offerta kienet turi li l-konvenju fuq art direttament adġjaċenti tas-sit mertu tal-offerta, kien ilu ffirmat mill-elfejn u dsatax (2019) mingħajr qatt ma sar il-kuntratt finali;*

*V.* *Illi għalhekk, effettivament, l-offerenti ma setgħux jiġu kkunsidrati li għandhom titolu fuq l-art adġjaċenti tas-sit mertu tal-offerta de quo u għalhekk per konsegwenza ma setgħux jiġu kkunsidrati għad-dritt tal-ewwel rifjut;*

*VI.* *Illi għalhekk, it-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità hija waħda ġusta fil-forma u fis-sustanza, liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti;*

*VII.* *Illi l-Awtorità qed tirriserva argumenti u provi ulterjuri;*

*VIII.* *Illi għalhekk, m'hemm l-ebda raġuni għala dan l-Appell għandu jintlaqa'.*

*Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijier datata ħdax (11) ta' Marzu, elfejn tnejn u għoxrin (2022) u tiċħad dan l-appell.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 11 ta' Marzu, 2022, li permezz tagħha ġew infurmati bis-segwenti, u ċioe`:

*Għandi ngħarrafkom li f'laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi, l-offerta tagħkom għall-kiri minn sena għal sena għal skop ta' agrikultura ta' sit tale quale f' 'Ta' Danza', iż-Żurrieq, skont Avviż Nru.1 tal-14 ta' Jannar, 2022, ma ġietx aċċettata minħabba li:*

***''...it-tieni offerenti John Galea u Robert Galea m'għandhom l-ebda titolu skont il-liġi bis-saħħa ta' konvenju li għadu pendenti, kif ukoll illi wieħed mill-imsemmija aħwa Galea mhux eliġibbli la darba mhux reġistrat bħala part-time farmer, u għalhekk qed jiġi deċiż li mhux il-każ li jiġi aċċettat id-dritt tal-ewwel rifjut, iżda għandha ssir l-aġġudikazzjoni a favur ta' l-ewwel offerent...''***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-14 ta' Jannar, 2022, l-Awtorita` intimata ħarġet sejħa għall-offerti għal kirja agrikola ta' sit *tale quale* f'Ta' Danza, Iż-Żurrieq. Il-kundizzjonijiet tal-istess sejħa għall-offerti kienu jinkludu s-segwenti, u ċioe`:-

1. L-offerenti iridu jkunu bdiewa *full-time* jew *part-time* skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li kellu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta, jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 573.06 u li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom;
2. L-offerenti jridu jissottomettu *bid bond* ta' €36,450;
3. Offerti inqas minn €12,150 fis-sena ma kinux se jiġu kkunsidrati;
4. Is-sejħa għall-offerti tista' tkun soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut ai termini tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Illi jirriżulta illi għal din is-sejħa kien hemm żewġ offerti, u ċioe` dik tar-rikorrenti u ta' terz, fejn l-offerta tat-terz kienet l-ogħla offerta. Illi r-rikorrenti jissottomettu illi huma kienu lesti li jgħollu l-offerta tagħhom li kieku ngħataw id-dritt tal-ewwel rifjut.

Illi jirriżulta illi dan id-dritt ma ngħatax prinċipalment peress li l-art li abbażi tagħha talbu d-dritt tal-ewwel rifjut ma kinitx proprjetà tagħhom iżda kienu għandhom fuq konvenju biex jixtruha. Addizzjonalment, l-Awtorita` intimata ma laqgħatx l-offerta tar-rikorrent għaliex irriżultalha illi r-rikorrent Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi *ful time* jew *part time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.

[1] Dokument a fol. 128 *et sequitur*

Illi t-Tribunal se jinvesti l-ewwel ir-raġuni tar-rifjut abbażi li Robert Galea ma kienx reġistrat bħala bidwi *full time* jew *part time* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 31(g) (E) (iv) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, art tal-Gvern tista' tingħata *b'kiri jekk tikkonsisti f'raba' jew art raħlija li tingħata bi qbiela skont regolamenti maħruġa mill-Ministru jew permezz ta' avviż pubbliku maħruġ mill-awtorità kompetenti u dan taħt il-kundizzjonijiet murija f'dak l-avviż.*

Illi waħda mill-kundizzjonijiet tal-avviż li permezz tiegħu ħarġet is-sejħa odjerna kienet illi l-offerenti riedu jkunu bdiewa *full-time* jew *part-time* skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.[2]

Illi r-rikorrenti xehdu illi huma mhux miżżewġin u dejjem ħadmu flimkien tant illi għandhom numru tal-VAT wieħed u kont bankarju wieħed. Spjegaw illi l-artijiet agrikoli li jaħdmu rreġistrawhom mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq wieħed minnhom biss, ċioe` fuq John Galea, u dana peress li ma setgħux jirreġistrawhom uħud fuq wieħed u uħud fuq l-ieħor b'numru tal-VAT wieħed. Pero` jirriżulta illi Robert Galea huwa reġistrat bħala *helper* fuq ir-reġistrazzjoni ta' ħuh John Galea.

Ir-rikorrenti pproduċew lir-rappreżentant tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) li ppreżenta dokumenti li juru l-għelieqi li hemm reġistrati mal-istess Aġenzija f'isem John Galea u f'isem Robert Galea separatament. Illi minn dawn id-dokumenti jirriżulta illi filwaqt li John Galea kien ilu reġistrat mal-Aġenzija mill-2019, Robert Galea kien ilu reġistrat mal-Aġenzija mis-17 ta' Marzu, 2022, u ċioe` wara li ttieħdet id-deċiżjoni appellata.

Illi ġew prodotti wkoll id-dokumenti annessi mal-offerta tar-rikorrenti minn fejn jirriżulta illi ż-żewġ rikorrenti huma reġistrati bħala bdiewa mal-Jobsplus u dana sa mill-1 ta' Jannar, 2019.[3] Jirriżulta wkoll illi John Galea għandu "Farmer Card" maħruġa mill-Pitkalija filwaqt li Robert Galea

[2] Dokument B a fol. 6
[3] Dokument JG1 a fol. 30 u JG1A a fol. 32

għandu "Farmer Helper Card" maħruġa fuq in-numru ta' reġistrazzjoni ta' John Galea.[4]

Illi t-Tribunal jifhem u huwa konvint illi Robert Galea jaħdem l-għelieqi ma' ħuh John Galea, però jibqa' l-fatt li ma ġiet ippreżentat ebda prova illi huwa reġistrat bħala bidwi *full time* jew *part time.* Filwaqt li l-fatti jistgħu juru li huwa fil-fatt jiżvolġi attività` ta' bidwi, fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan mhux biżżejjed biex jikkwalifikah bħala offerent validu. Illi l-Awtorita` tistipula l-kundizzjonijiet mas-sejħa għall-offerti biex il-proċess ikun trasparenti kemm jista' jkun. Dik it-trasparenza titlob allura li hija trid timxi mal-*policies* imfassla minnha stess u jekk ikun hemm xi nuqqas f'xi kriterju allura għandha tqisu fl-evalwazzjoni tagħha.

Illi d-difensur tar-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet finali sostna illi John Galea seta' applika waħdu għas-sejħa in eżami, u b'hekk kien jikkwalifika.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem dan l-argument, madanakollu jibqa' l-fatt li r-rikorrenti, minkejja li kienu jafu bil-kriterju li riedu jkunu reġistrati mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bħala bidwi *full time* jew *part time,* xorta waħda pproċedew biex jitfgħu l-offerta flimkien. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` ma setgħetx tifred liż-żewġ offerenti u tiddeċiedi l-offerta fuq bażi individwali. Ladarba kien hemm żewġ offerenti, t-tnejn li huma riedu jissodisfaw il-kriterji kollha tas-sejħa għall-offerti. Kwindi minn dan l-aspett it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

Illi t-Tribunal jista' jieqaf hawn fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu, pero` jħoss li jkun utili jeżamina wkoll it-tieni lanjanza tar-rikorrenti, u ċioe` jekk l-Awtorita` intimata imxietx b'mod raġjonevoli meta qieset illi r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Illi ai termini tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Offerti għal trasferiment ta' art tal-Gvern jistgħu jkunu soġġetti għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut:*
*(a) liċ-ċenswalist jew lill-kerrej li jkun okkupa l-aħħar dik l-art;*
***(b) lill-pussessur li għandu art li tmiss minn fuq, minn taħt jew biswit art tal-Gvern; jew***
*(ċ) lill-pussessur li qabel l-offerta għat-trasferiment ikun ġie mċaqlaq jew mitlub li jiċċaqlaq minn art tal-Gvern u jkun għadu ma ngħatax post alternattiv."*

---

[4] A fol. 148 u 149

Illi din id-disposizzjoni tal-liġi hija supplita b'*policy* tal-istess Awtorita, u ċioe` Policy TN2, li tirregola kif l-Awtorita` għandha tagħti d-dritt tal-ewwel rifjut. Iċ-ċitata *policy* tgħid illi talbiet għad-dritt tal-ewwel rifjut jiġu milqugħa jekk il-persuna li tkun qed titlob dan id-dritt tissodisfa wieħed mill-kriterji sussegwenti skont is-segwenti ordni, u ċioe`:

...

***(c) Pussessur li għandu art li tmiss minn fuq dik l-art soġġettata għas-sejħa;***

***(d) Pussessur li għandu art li tmiss minn taħt dik l-art soġġettata għas-sejħa;***

***(e) Pussessur li għandu art biswit dik l-art soġġettata għas-sejħa u***
- ***(i) li kellu hu stess l-eqdem dritt reali;***
- ***(ii) li l-avventi causa tiegħu kellu l-eqdem dritt reali;***
- ***(iii) li ċ-ċenswalist għandu titolu perpetwu;***
- ***(iv) li ċ-ċenswalist għad fadallu l-itwal ċens temporanju;***
- ***(v) li hu kerrej***

***Fil-każ ta' fejn hemm aktar minn offerent wieħed li għandu dritt ta' l-ewwel rifjut minħabba art biswit, preċedenza għandha tingħata lil dak l-offerent li għandu l-eqreb art lejn dik soġġettata għas-sejħa.***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-7 ta' Frar 2019 ir-rikorrenti daħlu f'konvenju ma' terzi għall-akkwist ta' biċċa art li allegatament tmiss mal-art in kwistjoni. Qiegħed jingħad allegatament għaliex l-ebda parti ma pproduċiet pjanta b'indikazzjoni eżatti fejn tinsab l-art li għaliha ħarġet is-sejħa għall-offerti. It-Tribunal jinnota illi għalkemm ir-rikorrent John Galea esebixxa l-pjanta li kien hemm mas-sejħa għall-offerti, huwa mmarka fuqha l-art proprjeta` tiegħu jew fil-pussess tiegħu. Madanakollu ma jirriżultax illi hemm xi kontestazzjoni li l-art li dwarha r-rikorrenti kellhom konvenju tmiss mal-art in kwistjoni. Il-pern tan-nuqqas ta' qbil huwa dwar jekk l-Awtorita` intimata kellhiex tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kellhom konvenju pendenti għal art adjaċenti dik in kwistjoni, liema art kienet ukoll fil-pussess tagħhom fil-mument li huma tefgħu l-offerta.

Illi skont il-*memo* tal-Bord datata 22 ta' Frar, 2022, u esebita a fol. 158 jirriżulta li l-Bord ikkunsidra li r-rikorrenti ma kellhom ebda titolu skont il-liġi bis-saħħa tal-konvenju li kien għadu pendenti.

Illi t-Tribunal josserva illi Artikolu 32 tal-Kapitolu 573 u l-*Policy* TN2 isemmu li sabiex offerent jista' jiġi kkunsidrat għad-dritt tal-ewwel rifjut huwa jrid ikun **"pussessur"** ta' art li tmiss ma' dik li tkun ħarġet għall-bejgħ.

Illi l-Bord tal-Gvernaturi kien fil-pussess tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn kien hemm spjegat ċar illi wara li r-rikorrenti għamlu l-konvenju, peress li l-affarjiet sabiex isir il-kuntratt kienu qed jitwalu minħabba kwistjoni ta' xi ċnus, ir-rikorrenti avvanzaw somma konsiderevoli mill-prezz lill-bejjiegħa prospettivi fejn dawn tal-aħħar tawhom id-dritt li jidħlu jaħdmu r-raba, kif fil-fatt għamlu. Dan kollu huwa korroborat mid-deposizzjonijiet tal-bejjiegħa quddiem dan it-Tribunal. Illi sfortunatament il-ftehim fejn ġiet avvanzata s-somma hawn fuq imsemmija ma setax jiġi eżaminat minn dan it-Tribunal stante li ebda parti ma ssottomettietu.

Illi pero` ma jirriżultax kontestat illi r-rikorrenti kellhom pussess tal-art mertu tal-konvenju fiż-żmien li huma għamlu l-offerta tagħhom. Madanakollu l-Awtorita` intimata tisħaq illi dak il-pussess ma kienx wieħed li l-Awtorita` setgħet toqgħod fuqu għaliex seta' jiġi revokat fi kwalunkwe ħin. Illi tenut kont tal-kwadru tal-fatti kif ippreżentati, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni. Illi huwa ċar illi r-rikorrenti ma kinux fil-pussess tal-art biswit l-art in kwistjoni b'xi mod klandestin jew mingħajr kunsens tas-sidien. Kien hemm ftehim li huma jkollhom pussess sakemm l-art tiġi trasferita fuqhom. Jirriżulta li għalhekk il-Bord naqas milli jeżamina b'mod raġjonevoli il-kwistjoni tal-pussess u għamel biss eżami superfiċjali tal-kwistjoni. Illi għalkemm dan it-Tribunal jisħaq illi mal-offerti għandhom jiġu sottomessi d-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tad-dritt tal-ewwel rifjut, f'dan il-każ l-Awtorita` setgħet ġabet konferma mingħand il-bejjiegħa prospettivi dwar il-pussess li huma kienu taw lir-rikorrenti ladarba dan kien espressament indikat fl-applikazzjoni tagħhom tad-dritt tal-ewwel rifjut. Hawnhekk irid jingħad illi dan il-pussess ma kienx wieħed verbali iżda kien wieħed li sar quddiem Nutar u mal-għoti tiegħu għaddiet somma konsiderevoli ta' flus lill-bejjiegħa prospettivi.

Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza illi l-kuntratt finali ma ġiex mibgħut lill-Awtorita` intimata qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni appellata, stante li dan ġie pubblikat fit-28 ta' Frar, 2022, u kwindi l-Bord tal-Gvernaturi, fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2022, ma setax jieħu konjizzjoni tiegħu, kif ġia ingħad hawn fuq, l-istess Bord ma għamilx evalwazzjoni korretta tal-pussess li kellhom ir-rikorrenti tar-raba li kienet tmiss mal-art in kwistjoni.

Illi għaldaqstant it-Tribunal se jkun qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata limitatament fejn ġie deċiż illi r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt

tal-ewwel rifjut u dan naturalment li kieku t-tnejn li huma kienu offerenti validi.

Illi finalment it-Tribunal jagħmel referenza għas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward li, mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal hawn fuq, huma kellhom jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut għaliex kellhom raba' "biswit" l-art in kwistjoni. Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrenti saħaq illi "biswit" ma tfissirx, kif qed tinterpretaha l-Awtorita` intimata, illi l-art fil-pussess tal-offerenti trid tkun eżattament tmiss mal-art għall-bejgħ. Huwa argumenta illi r-rikorrenti għandhom raba' ieħor li qiegħed fil-viċinanzi tal-art in kwistjoni u kwindi kienu jikkwalifikaw biex jingħataw id-dritt tal-ewwel rifjut.

Illi t-Tribunal jagħmel referenza għat-test Ingliż tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jitfa' dawl fuq din il-kwistjoni. Di fatti dan l-artikolu jgħid is-segwenti:

*Offers for the disposal of government land may be made subject to the right known as the right of first refusal:*

*(i) to the empytheuta or to the lessee who was the last person to occupy such land;*
*(ii) to the possessor who has the land which is situated above, below or* ***adjacent*** *to Government land; or*
*(iii) to the possessor who prior to the offer of disposal has been relocated or asked to relocate from Government land and who has not yet been granted an alternative place.*

Illi għalhekk filwaqt li fit-test Malti wieħed isib il-kelma "biswit", fit-test Ingliż isib il-kelma "*adjacent*". Fil-fehma tat-Tribunal, għalhekk, l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet li l-art li trid tkun fil-pussess tal-offerent trid tkun tmiss ma' dik li tkun ħarġet għall-offerta.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal ma jistax jifhem il-*policy* li tgħid is-segwenti:-

***Fil-każ ta' fejn hemm aktar minn offerent wieħed li għandu dritt ta' l-ewwel rifjut minħabba art biswit, preċedenza għandha tingħata lil dak l-offerent li <u>għandu l-eqreb</u> art lejn dik soġġettata għas-sejħa.***

Dan għaliex jekk art tmiss ma' art oħra, m'hemm l-ebda waħda minnhom li tkun "l-eqreb art" lejn dik soġġettata għas-sejħa.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn enunċjati, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti fir-rigward ta' dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ġie deċiż li Robert Galea mhux eliġibbli stante li mhux reġistrat bħala *part-time farmer*, filwaqt li jirrevokaha f'dik il-parti fejn ġie deċiż li r-rikorrenti ma kinux jikkwalifikaw għad-dritt tal-ewwel rifjut abbażi tal-pussess li kellhom ta' art li kienet tmiss ma' dik in kwistjoni.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**